MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Numru. 1346/2009

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Joseph Vella, iben George, imwieled Ħal-Qormi fl-20 ta’ Diċembru, 1947, Karta ta’ l-Identita numru 5648(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta’ Diċembru, 2009 għal ħabta tat-3.30 a.m. u ġranet qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
1. bħala ħaddiem mal-kumpanija Mediterranean Offshore Bunkering, ikkometta serq ta’ diesel tal-valur ta’ iżjed minn €23.29 iżda anqas minn €232.94, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-ħin għad-dannu ta’ Island Bunker Oils Ltd. U diversi persuni oħra;

2. talli fl-istess żmien u ċirkostanżi xjentement indaħal biex ibiegħ jew imexxi ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwsitati b'reat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-valur tad-diesel misruq hu ta' €25.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(d)(f), 268(a), 270 u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------